MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2011

Appell Civili Numru. 826/2002/1

**Patricia Vella**

**v.**

**Marion Mizzi u Corinthia Palace Hotel Co. Limited**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-15 ta' Ottubru 2008 li laqghet l-ewwel tliet talbiet attrici u astjeniet milli tiehu konjizzjoni tar-raba' u hames talba, bl-ispejjez tal-kawza ghall-konvenuta Mizzi,

hlief ghal dawk tas-socjeta` konvenuta li ghandha thallas l-ispejjez taghha.

Ghal intendiment ahjar ta’ dan l-appell, il-Qorti qeghda tirriproduci *in toto* s-sentenza appellata kif jidher hawn taht:

**Sentenza tal-ewwel Qorti:**

“Il-Qorti;

“Rat iċ-ċitazzjoni ppreżentata fit-18 ta’ Lulju, 2002 li permezz tagħha l-attriċi ppremettiet:

“Illi l-konvenuta ppublikat fotografiji personali ta’ l-attriċi fuq materjal pubbliċitarju konsistenti fi *brochures*, u dan mingħajr il-kunsens jew l-awtorizzazzjoni ta’ l-attriċi. Kopja ta’ l-imsemmija *brochures* qegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dokument PV1;

“Illi l-konvenuta ottjeniet dawn il-fotografiji mingħand is-soċjeta’ konvenuta mingħajr l-awtorizzazzjoni ta’ l-attriċi;

“Illi dan jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet ta’ l-attriċi li jesiġu li tkun hi li tagħti l-kunsens u l-awtorizzazzjoni sabiex fotografiji personali tagħha jiġu użati fuq materjal pubbliċitarju destinat għall-informazzjoni tal-pubbliku;

“Illi b’dan l-aġir abbużiv u llegali, il-konvenuta barra li kisret id-drittijiet ta’ l-attriċi ħadet vantaġġ minn dan l-istess ksur u konsegwentement ottjeniet gwadann materjali a skapitu ta’ l-attriċi u tad-drittijiet tagħha;

“Illi mitluba sabiex tiddesisti mill-użu tal-fotografiji personali ta’ l-attriċi fuq l-imsemmi materjali publiċitarju u sabiex tersaq għal-likwidazzjoni tad-danni konsegwenti għall-imsemmi ksur il-konvenuta baqgħet inadempjenti.

“Għalhekk jgħidu l-konvenuti jew min minnhom għaliex dina l-Qorti m’għandhiex għar-raġunijiet premessi:

“1. tiddikjara li l-atti li bihom is-soċjeta’ konvenuta pprovdiet lill-konvenuta l-oħra li ppubblikat fotografiji personali ta’ l-attriċi fuq materjal pubbliċitarju konsistenti fi *brochures* mingħajr il-kunsens jew l-awtorizzazzjoni ta’ l-attriċi, jikkostitwixxu atti abbużivi u leżivi tad-drittijiet ta’ l-attriċi; u

“2. konsegwentement tordna lill-konvenuta sabiex tiddesisti milli tkompli tagħmel użu mill-istess materjal pubbliċitarju raffiguranti l-fotografiji personali ta’ l-attriċi u tordna l-qirda tal-materjal pubbliċitarju kollu eżistenti u raffiguranti l-fotografiji personali ta’ l-attriċi; u

“3. tiddikjara lill-konvenuti responsabbli għad-danni sofferti mill-attriċi; u

“4. tillikwida d-danni kollha marbuta ma’ u konsegwenti għall-imsemmi ksur tad-drittijiet ta’ l-attriċi okkorrendo permezz tal-ħatra ta’ periti nominandi; u

“5. tikkundanna lill-konvenuti jħallsu d-danni hekk likwidati.

“Bl-ispejjeż inkluż dawk ta’ l-ittra interpellatorja tat-28 ta’ Mejju, 2002 u ta’ l-ittra uffiċjali tad-9 ta’ Lulju, 2002 u bl-imgħaxijiet legali kontra l-konvenuti li huma nġunti għas-subizzjoni.

“Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attriċi maħlufa u l-lista tax-xhieda.

“Rat in-nota ta’ l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta’ konvenuta Corinthia Palace Hotel Limited, ippreżentata fil-25 ta’ Ottubru, 2002, li permezz tagħha eċċepiet bir-rispett:

“1. Illi preliminarjament il-kawża odjerna ma tistax tirnexxi *stante* illi l-attriċi ma sofriet l-ebda danni kif tirrikjedi l-liġi.

“2. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, it-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatti u fid-dritt *stante* illi s-soċjeta’ eċċipjenti ma kkawżat l-ebda

danni lill-attriċi, kif ser jiġi ampjament ippruvat waqt il-mori tal-kawża.

“Salv eċċezzjonijiet oħra.

“Rat id-dikjarazzjoni tas-soċjeta’ konvenuta maħlufa minn Victor Pisani, *I.D.* 493541(M), u l-lista tax-xhieda.

“Rat in-nota ta’ l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta Marion Mizzi, ippreżentata fil-5 ta’ Novembru, 2002, li permezz tagħha eċċepiet bir-rispett:

“1. Illi preliminarjament it-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* illi l-eċċipjenti m’hijiex il-leġittima kontradittriċi *stante* illi personalment m’għandha x’taqsam xejn man-negozju ġestit fil-lukanda St. George’s Corinthia;

“2. Illi wkoll preliminarjament u mingħajr preġudizzju għall-premess, id-danni li ġew allegatament sofferti mill-attriċi m’humiex imputabbli lill-eċċipjenti *stante* illi s-soċjeta’ li tmexxi l-eċċipjenti ġewwa l-imsemmija lukanda m’għandha ebda relazzjoni ġuridika ma’ l-attriċi *stante* illi n-negattivi tar-ritratti in kwistjoni ġew mgħoddija lill-istess soċjeta’ mmexxija mill-eċċipjenti mis-soċjeta’ konvenuta stess wara li kien sar ftehim bejn is-soċjeta’ konvenuta min-naħa waħda u l-attriċi min-naħa l-oħra;

“3. Illi preliminarjament, u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-attriċi ma tiddikjarax liema mill-fatti maħlufa tafhom *di scentia propria* skond il-liġi;

“4. Illi *in ogni* każ u mingħajr preġudizzju għall-premess, għandu jirriżulta li l-pubblikazzjonijiet relattivi kienu saru kollha bil-kunsens *a priori* ta’ l-attriċi. Anzi, l-attriċi stess kienet ħadet ħsieb u saħansitra organizzat minn jeddha stess is-servizz tal-fotografiji għall-pubblikazzjonijiet imsemmija, u anke għall-pubblikazzjonijiet kollha preċedenti li saru fi *brochures* oħrajn ippubblikati qabel il-*brochures de quo*;

"5. Illi *di piu'* u mingħajr preġudizzju għall-premess, fir-rigward it-tieni talba attriċi, jiġi sottomess illi l-mertu *gia'* ġie eżawrit *stante* illi kif *gia'* kienet ġiet mgħarrfa l-istess attriċi, bħala sinjal ta' *buona fede* l-eċċipjenti kienet ordnat *brochures* ġodda (liema *brochures* ġew jiswewlha iktar minħabba l-ispeditezza ta' l-ordni effettwata sabiex jiġu evitati problemi ulterjuri), u fil-fatt kienet iddeżistiet milli tagħmel użu mill-materjal pubbliċitarju *de quo* immedjatament malli rċeviet il-*brochures* il-ġodda f'Lulju 2002;

"6. Illi wkoll mingħajr preġudizzju għall-premess, fir-rigward id-danni allegatament sofferti mill-attriċi, jiġi rilevat illi bl-ebda mod ma ġie ndikat x'danni sofriet l-istess attriċi;

"7. Illi għalhekk it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda, bl-ispejjeż kontra l-istess attriċi.

"8. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

"Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta maħlufa u l-lista tax-xhieda.

"Rat in-noti ta' sottomissjonijiet.

"Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta' Mejju, 2008 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

"Ikkunsidrat;

"Illi apparti xi dettalji żgħar, il-fatti li taw lok għall-kawża ma hemmx kontestazzjoni fuqhom. L-attriċi kienet impjegata għal żmien twil mas-soċjeta' konvenuta u f'xi żmien ittieħdulha xi ritratti li hija ppożat għalihom bl-iskop li dawn jintużaw għal materjal pubbliċitarju. Hija kienet tmexxi l-parti tal-lukanda ndikata bħala ċentru tas-sbuħija. Din il-parti nkriet lill-konvenuta, u s-soċjeta' msemmija bagħtet lill-attriċi biex tmexxi l-istess ċentru iżda mhux bħala impjegata tagħhom iżda tal-konvenuta. L-attriċi ma ffirmatx il-kuntratt tax-xogħol iżda għamlet perjodu tagħmel l-istess xogħol. Kien hawn li l-konvenuta li bdiet

tmexxi ċ-ċentru bl-isem ta’ Myoka ppublikat materjal pubbliċitarju bir-ritratti li għalihom kienet ippożat l-attriċi. Hija opponiet għal dan u wara s-soliti ittri interpellatorji nfetħet il-kawża.

“Il-konvenuta qed tgħid li m’hijiex leġittima kontradittriċi għaliex ma tmexxix iċ-ċentru hi iżda soċjeta’ jisimha Myoka Limited. Dwar dan pero’ ma ressqet ebda prova u kwindi ma pprovatx a sodisfazzjon tal-Qorti din l-eċċezzjoni li allura ser tiġi respinta. Huwa ċar illi l-prinċipju li għandha titressaq l-aħjar prova u li l-piż tal-prova jaqa’ fuq min jallega japplika wkoll għal min ikun qed jallega bħala difiża (Artikli 559 u 562 tal-Kapitlu 12). Hija qed tgħid ukoll li r-ritratti ġew mgħoddija lilha mis-soċjeta’ konvenuta u dwar dan ma hemmx dubju għaliex kien l-uniku mod li dan seta’ jsir. Il-kwistjoni hija allura jekk dan setax isir da parti tas-soċjeta’ konvenuta u jekk *una volta* fil-pussess tagħha hija setgħetx tużahom.

“Il-Qorti thoss li għalkemm ir-ritratti ġew meħuda mis-soċjeta’ konvenuta meta hija kienet impjegata magħhom, dan ma jfissirx li l-konvenuta kellha *mano* libera li tużahom u lanqas ma għamlet sewwa s-soċjeta’ konvenuta li qabdet u tathom lill-konvenuta mingħajr il-permess tagħha. Jekk l-attriċi kienet kuntenta li tippoża għar-ritratti għalihom ma jfissirx li tat permess lil xi ħadd ieħor biex jużahom bħala materjal pubbliċitarju għaliex hija setgħet kienet kostretta toqgħod għar-ritratti jekk meħudin minn min jagħtiha x-xogħol iżda mhux lil ħaddieħor. Kollox ma’ kollox għalhekk il-Qorti tħoss li l-konvenuti aġixxew b’mod li għandu jkun iċċensurat u li kisru prinċipju bażiku tal-protezzjoni tad-*data* illi llum huma protetti mill-Kapitlu 440 (Artiklu 9 u oħrajn).

“Madankollu l-attriċi naqset li ġġib prova li sofriet xi danni minn dak li ġara, għalkemm jista’ jkun li għandha dritt ta’ riżarċiment taħt xi kawżali oħra. Għalhekk il-Qorti filwaqt li ser tilqa’ t-talba attriċi, ser tastjeni milli tiddeċiedi dwar id-danni minħabba f’dan in-nuqqas ta’ prova għaliex sal-lum il-liġi ma tipprovdix għal danni morali f’każi simili kif tipprovdi per eżempju fil-liġi ta’ l-Istampa. Kwantu għar-responsabbilta’ għad-danni pero’ l-Qorti tħoss illi dawn

huma tal-konvenuta għaliex hija kienet taf meta użat ir-ritratti li l-attriċi ma kinitx impjegata magħha, xi ħaġa li forsi s-soċjeta' konvenuta hasbet li ser ikun il-każ, anke jekk ma kellha ebda dritt tassumi dan.

"Għal dawn il-motivi l-Qorti tiċħad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti ħlief kif ser jingħad:

"1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li s-soċjeta' konvenuta kisret id-drittijiet ta' l-attriċi meta għaddiet ir-ritratti personali ta' l-attrici;

"2. Tilqa' t-tieni talba u tordna lill-konvenuta biex tiddesisti milli tkompli tagħmel użu mill-istess materjal pubbliċitarju;

"3. tiddikjara lill-konvenuta responsabbli għad-danni;

"4. tastjeni milli tieħu konjizzjoni tar-raba' u l-ħames talba.

"L-ispejjeż tal-kawża għandhom jitħallsu mill-konvenuta Mizzi, ħlief dawk tas-soċjeta' konvenuta li għandha tħallas l-ispejjeż tagħha stess."

**Appell tal-attrici Patricia Vella**

L-attrici hassitha aggravata bis-sentenza surriferita tal-Qorti tal-ewwel grad u interponiet appell minnha.

L-appellanti qed tissottometti li l-ewwel Qorti ma kellhiex tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba taghha ghal-likwidazzjoni tad-danni u tat-talba ghall-kundanna ghall-hlas tad-danni izda kellha tillikwida d-danni *arbitrio boni viri* fl-isfond tal-ligijiet applikabbili[1] u tikkundanna lill-konvenut ihallsu d-danni hekk likwidati.

[1] L-appellanti taghmel referenza ghall-artikoli 43 u 44 tal-Kap 415 u l-artikolu 12 tal-Kap 488.

Ghalhekk l-appellanti talbet ir-riforma tas-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti kwantu ghal dik il-parti fejn astjeniet milli tiehu konjizzjoni tar-raba' u hames talba attrici u tikkonferma l-bqija u konsegwentement tillikwida d-danni dovuti lill-attrici u tikkundanna lill-konvenuta Marion Mizzi ghall-hlas tad-danni hekk likwidati bl-ispejjez ta' din l-istanza kontra taghha.

**Appell tal-konvenuta Marion Mizzi.**

Appellat ukoll minn din is-sentenza l-konvenuta Marion Mizzi.

Fil-qosor, l-aggravji taghha huma s-segwenti:

1. Fl-ewwel lok, il-Qorti kellha tilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju billi hija ma hiex il-legittimu kontradittur peress li hi personalment ma kellha x'taqsam xejn man-negozju gestit minn Myoka Ltd. fil-lukanda St.Georg's Corinthia.

2. Illi l-attrici appellanti kienet ippartecipat bis-shih ghat-thejjija tal-*brochure* li qed tilmenta dwaru, u kienet taf sew x'ritratti kienu ser jintuzaw ghalih u li, *a tempo vergine,* qatt ma oggezzjonat jew ghamlet xi riservi dwar l-istess, b'dan li m'hemmx dubbju dwar il-kunsens tacitu taghha ghall-istess.

3. Il-konvenuta appellanti tirritjeni li kien biss meta l-attrici rat illi ma kienx ser ikollha futur la ma' Myoka Ltd u lanqas mas-socjeta` konvenuta illi hija ttentat l-azzjoni quddiem il-Qorti u bdiet tghid li r-ritratti gew mghoddija mis-socjeta` konvenuta *ad insaputa* taghha u li ma rieditx li d-dehra taghha tkun assocjata mal-konvenuta.

4. L-ewwel Qorti naqset milli tapprezza l-fatt li l-*brochures* ma baqghux jintuzaw minn Lulju 2002. Inoltre l-appellanti m'ghandha ebda awtorita` legali sabiex tordna lill-Myoka Ltd, *qua* proprjetarja ta' tali materjal, sabiex ma tuzax l-istess materjal.

5 Fl-ahhar nett l-ewwel Qorti messha cahdet ir-raba’ u l-hames talbiet attrici u mhux semplicement astjeniet milli tiehu konjizzjoni taghhom.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-konvenuta appellanti talbet li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti, tilqa’ l-eccezzjonijiet taghha u tichad it-talbiet kollha attrici, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attrici.

**Risposta ta’ Marion Mizzi ghall-appell intavolat mill-attrici.**

Il-konvenuta Marion Mizzi pprezentat ir-risposta taghha fejn l-aggravji relattivi tal-appellanti Patricia Vella gew kollha kontestati u ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet li l-appell taghha jigi michud bl-ispejjez kontra taghha, u dan minghajr pregudizzju ghall-appell intavolat minnha.

**Risposta tal-appell u Appell Incidentali ta’ Corinthia Palace Hotel Co.Ltd.**

Is-socjeta` konvenuta pprezentat risposta ghar-rikors tal-appell tal-attrici Patricia Vella u tal-konvenuta Marion Mizzi u wiegbet li s-sentenza appellata hija gusta u timmerita li tigi kkonfermata in kwantu ma sabitx lis-socjeta` konvenuta responsabbli ghal xi allegati danni u fejn lanqas ma kkundannata thallas xejn bhala danni lill-attrici.
Is-socjeta` konvenuta izda pprezentat **appell incidentali** mis-sentenza surreferita in kwantu li din (i) sabet li s-socjeta` konvenuta kisret id-drittijiet tal-attrici meta ghaddiet ir-ritratti personali tal-attrici, (ii) astjeniet milli tiehu konjizzjoni tar-raba’ u l-hames talba attrici, u (iii) kkundannat lis-socjeta` konvenuta thallas l-ispejjes taghha stess.

**Sfond tal-fatti in kawza**

Qabel ma tghaddi biex tikkunsidra l-aggravji tal-appellanti, din il-Qorti thoss li jkun qabel xejn opportun illi taghti sfond fil-qosor tal-fatti kollha mertu tal-kawza in kwistjoni.

L-attrici kienet ghamlet tlettax-il sena impjegata mal-Corinthia International meta din iddecidiet li tghaddi l-Apollo Club, li dak iz-zmien kien imexxi mill-attrici, b'*concession agreement* lill-konvenuta Marion Mizzi. L-impieg tal-attrici mal-Corinthia kellu jigi terminat u gie miftiehem li l-attrici taghti *handover* lill-konvenuta bil-hsieb li din timpjega lill-attrici u anke xi haddiema ohra maghha. L-attrici hassitha urtata mill-fatt li l-Corinthia, wara tlettax-il sena, ippretendiet li hija tirrizenja mill-kumpanija u li tiffirma kuntratt gdid ma' Marion Mizzi[2]. Skont l-attrici li gara kien bazikament li hi ma kienitx taf fejn qeghda, cioe` jekk kienitx se tkompli ma' Mizzi u ghall-ewwel Mizzi qaltilha li rieditha maghha imma minflok uzatha ghal dawk it-tliet gimghat tal-*handover* meta hija kienet qed tahdem in-*notice,* imbaghad qaltilha biex ma tmurx aktar[3]. Skont l-attrici, is-socjeta` konvenuta kienet qaltilha biex ma tinkwetax billi kienet se timmuvvja ma' Mizzi imma li gara kien li wara tlettax-il sena spiccat minghajr *job*, li ghaliha ma kienx facli[4]. Il-konvenuta Mizzi tghid li din il-kawza saret biss b'pika u mhux verament ghax hija kienet uzat ir-ritratti tal-attrici minghajr kunsens taghha. Fil-fatt meta l-attrici oggezzjonat, hija waqfet mill-ewwel milli tuza dawk ir-ritratti.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Illi l-Qorti se tibda biex tikkunsidra l-aggravji tal-konvenuta appellanti Marion Mizzi u tas-socjeta` konvenuta billi l-appell taghhom proprjament jolqot il-mertu tal-kawza.

<u>Legittimu kontradittur</u>

Fl-ewwel aggravju u f'parti mir-raba' aggravju taghha l-konvenuta Mizzi ssostni li hija ma hiex il-legittimu kontradittur billi personalment hija m'ghandhiex x'taqsam man-negozju gestit minn Myoka Ltd fil-lukanda Corinthia St.George.

---

[2] Fol 29.
[3] Fol 78.
[4] Fol 79.

Illi l-konvenuta kienet tat eccezzjoni f'dan is-sens quddiem l-ewwel Qorti[5] u din kienet iddecidiet li l-konvenuta ma ressqet l-ebda prova f'dak ir-rigward u ghalhekk ma kienitx ippruvat a sodisfazzjon tal-Qorti dik l-eccezzjoni li giet respinta billi ma saritx l-ahjar prova. Fl-istadju tal-appell izda l-konvenuta appellanti ressqet kopja tal-Memorandum u l-Artikoli ta' Assocjazzjoni tal-kumpanija Myoka Ltd biex turi li hi mhiex involuta mal-persuni li jiffurmaw dik il-kumpanija.

Fil-fehma tal-Qorti, dawn il-provi kellhom jingiebu mill-bidu nett a konjizzjoni tal-ewwel Qorti biex hi tkun tista' tiddeciedi dwarhom u mhux jingabu issa fl-istadju tal-appell meta dawn kienu dejjem disponibbli ghall-konvenuta stante li Jean Paul Vella imsemmi fil-M & A jigi binha stess. Imma, apparti dan, ix-xhieda tal-istess konvenuta Mizzi turi li hija kienet assumiet ir-responsabbilta` ghan-negozju in kwistjoni li kienet tmexxi hi. Fil-fatt il-konvenuta tghid li ghalkemm l-attrici proprjament ghamlet in-negozju mat-tifel, pero` lilha ma taghmilliex differenza ghax thossha responsabbli ghan-negozju[6]. Inoltre fil-*brochure* in kontestazzjoni ma hemm ebda indikazzjoni li s-Spa kienet qed titmexxa minn xi kumpanija imma l-indikazzjoni hija biss "Myoka by Marion Mizzi"[7]. Normalment persuna tikkontratta ghaliha nnfisha, sakemm ma tindikax espressament li qieghdha tikkontratta f'isem haddiehor.

Dan l-aggravju ghalhekk qed jigi respint.

<u>Dritt t'awtur</u>

Illi fit-tieni u tielet aggravju tal-konvenuta Mizzi u fl-ewwel aggravju tas-socjeta` konvenuta gie sottomess li huma ma kisru ebda drittijiet tal-attrici meta intuzaw ir-ritratti taghha imma l-attrici kienet ppartecipat bis-shih fit-thejjija tal-*brochure* u ma lmentatx u lanqas oggezzjonat jew ghamlet xi riservi ghall-uzu tal-istess ritratti.

[5] Fol 13.
[6] Fol 46.
[7] Fol 5.

Is-socjeta` konvenuta tillanja fl-appell taghha li l-attrici qatt ma semmiet il-bazi tal-azzjoni taghha hlief issa fl-istadju tal-appell. Illi pero` l-attrici ddikjarat quddiem din il-Qorti li l-kawza taghha dejjem kienet ibbazata fuq allegat ksur ta' dritt ta' awtur ta' fotografija u senjatament bhala ko-awtrici mal-fotografu tar-ritratti. L-attrici ghalhekk ghamlet referenza ghat-talbiet taghha f'dan ir-rigward u tghid li l-bazi tal-azzjoni taghha kienet cara mill-bidu nett.

Fil-fatt it-talbiet principali tal-attrici huma li l-Qorti:

1. tiddikjara li l-atti li bihom is-socjeta` konvenuta pprovdiet lill-konvenuta l-oħra li ppubblikat fotografiji personali tal-attrici fuq materjal pubblicitarju konsistenti fi *brochures* minghajr il-kunsens jew l-awtorizzazzjoni tal-attrici, jikkostitwixxu atti abbuzivi u lezivi tad-drittijiet tal-attrici; u

2. konsegwentement tordna lill-konvenuta sabiex tiddezisti milli tkompli taghmel uzu mill-istess materjal pubblicitarju raffiguranti l-fotografiji personali tal-attrici u tordna l-qirda tal-materjal pubblicitarju kollu ezistenti u raffiguranti l-fotografiji personali tal-attrici.

Il-konvenuti jissottomettu li l-ligijiet dwar Drittijiet ta' Awtur (Kap. 415) u dwar Proprjeta` Industrijali (Kap. 488) ma japplikawx ghal kaz in ezami stante li l-attrici m'ghandha ebda wiehed minn dawn id-drittijiet fuq il-fotografiji in kwistjoni. Huma jissottomettu li d-drittijiet ta' awtur fuq fotografiji huma tal-fotografu u mhux ta' min jidher fihom jew jippoza ghalihom kif qed tippretendi l-attrici. L-uniku dritt li ghandha hu li hi taghti jew ma taghtix il-kunsens taghha lill-fotografu biex jiehu dawk ir-ritratti, jew li taghti tali kunsens taht certi kundizzjonijiet specifici jew b'certi riservi. Jissottometu wkoll li fil-kaz in ezami l-attrici tat il-kunsens lill-fotografu minghajr riservi jew kundizzjoni ghalhekk, se mai, kien il-fotografu li kellhu dritt joggezzjona li r-ritratti ma jghaddux ghand Mizzi.

Skont l-attrici li gara f'dan il-kaz kien li fiz-zmien meta kienet tahdem mas-socjeta` konvenuta, din kellha bzonn *photo-shoot* ghal *brochure* tal-Corinthia u wahda mit-tfal

tas-sidien tal-lukanda kienet talbitha biex tiehu r-ritratti u hi accettat[8]. Hi ma thallsitx taghhom billi kienet impjegata maghhom u ghamlitilhom pjacir. L-attrici ma ghamlet ebda riserva meta ttiehdu dawn ir-ritratti[9] u kienet taf li dawn se jintuzaw mill-Corinthia bhala materjal pubblictarju. Gara pero` li meta l-konvenuta Mizzi giet biex tiehu l-post, hi riedet tibdel il-*brochure* b'kollox izda meta pprintjat il-*brochures* taghha zammet ir-ritratti tal-attrici fihom[10] meta din qatt ma kienet impjegata maghha. Ghalhekk l-attrici kienet talbitha biex tieqaf milli tuza dawk ir-ritratti.

Illi kif jiktbu l-awturi **Holyoak & Torremans, Intellectual Property Law[11]**,

*"When someone commissions a photograph, the photographer gets the ownership of the copyright as creator of the work. He or she can use the negatives for all kinds of purposes and does not need the consent of the commissioner.*

*This can be undesirable if the photograph is commissioned for private and domestic purposes".*

Ghalhekk biex ma jigrix hekk, min jikkummissjona r-ritratti jista' jimponi kundizzjonijiet jew jaghmel riservi dwar l-uzu tar-ritratti meta jaghti l-kunsens tieghu li jittiehdu dawk ir-ritratti.

Ikomplu l-istess awturi jghidu li:

*"The right to privacy grants the commissioner some protection in this respect. The commissioner has the right not to have the copies of the photographs issued to the public, nor have them exhibited in public, and not to have the photograph included in a broadcast.*

[8] Fol 30.
[9] Fol 76.
[10] Dok PV1 a fol 5.
[11] 5th Ed. a fol 227. Ara wkoll Copinger and Skone James on Copyright 14th Ed. Para 27-353

*The term of the right (to privacy) is equal to that of the copyright in the photograph".*

Issa fil-kaz in ezami jirrizulta mill-provi li l-attrici ma ghamlet xejn minn dan. Meta ttiehdu r-ritratti hi ma ghamlet ebda riserva jew kundizzjoni dwar l-uzu li kellu jsir minn dawn ir-ritratti u kienet konxja li kienu ser jintuzaw mill-Corinthia ghal skop ta' pubblicita`. Ghalhekk l-attrici ma tistax tibbaza l-azzjoni taghha fuq xi *right to privacy* billi hija akkonsentiet ghall-uzu li kellu jsir minnhom. Ir-ritratti taghha ghalhekk kienu gia` disponibbli fil-pubbliku. Lanqas ma jista' jinghad li dawn ir-ritratti kienu koperti b'xi *"data protection"* billi l-attrici kienet tat il-kunsens li r-ritratti jintuzaw ghall-iskop ta' pubblicita`. L-attrici wkoll m'ghandhiex drittijiet taht il-Kap. 488 dwar Proprjeta` Industrijali, u dan assumendo li l-ligi citata mill-attrici kienet tapplika fiz-zmien meta sar uzu mir-ritratti.

L-attrici tippretendi li hija ghandha dritt ta' ko-awtrici tar-ritratti mal-fotografu. Il-kwistjoni f'dan il-kaz hija minn ghandu d-dritt ta' awtur fuq  ir-ritratti. Il-Qorti se tehodha bhala ppruvat li r-ritratti jikkostitwixxi *"an artistic work"* koperti bl-Artikolu 2(1) tal-Kap. 415 u m'humiex semplici fotografija bla ebda *input* fihom.

Illi jirrizulta mill-provi li dawn ir-ritratti gew ikkummissjonati mis-socjeta` konvenuta, li kienet qabbdet il-fotografa taghha tiehu r-ritratti tal-attrici. Jirrizulta  li kemm l-attrici kif ukoll il-fotografa, li kienet tiehu hsieb il-*photographic sessions,* dak iz-zmien kienu t-tnejn impjegati mas-socjeta` konvenuta.

Il-principju hu li:

*"When the creator is an employee and has created the work in execution of his duties, many copyright laws, provide that the employer, often a company, will at some point, become the owner of the rights.*

*"This involves asking first, whether the work which was done was the kind of work which the employee was engaged to do and, if it was, whether the work was in fact*

*done in the course of that employment at all. An employee may often do things for his employer which he is not expressly contracted to do. Even so, where the work is done during working hours, is for the employer's benefit and was done at the employer's request it may not be difficult to conclude that it falls within some general or implied term relating to the scope of his employment"*[12]*.*

Din il-Qorti hi tal-fehma li fil-kaz in ezami d-dritt ta' awtur fuq dawn ir-ritratti kien tas-socjeta` konvenuta li kkummissjonat ir-ritratti u uzat il-fotografa taghha, ghalhekk setghet tuzahom kif trid hi billi ma saret ebda restrizzjoni mill-attrici u lanqas ma kien hemm xi arrangament specifiku maghha dwarhom. Jirrizulta mbaghad li, meta sar il-*concession agreement* mal-konvenuta, is-socjeta` konvenuta ghaddhiet kollox, inkluza l-attrici u l-*files* (bir-ritratti), lill-konvenuta bhala parti mill-*agreement.*

Il-Qorti tista' tieqaf hawn. Izda fil-fehma taghha mill-provi jemergi wkoll li, kif spjegat *supra* meta nghata sfond tal-fatti mertu ta' dan l-appell, li ghal bidu l-attrici, meta kien qed isir il-*handover,* bl-isperanza li l-konvenuta timpjegaha, ma ghamlitx oggezzjoni li r-ritratti taghha jintuzaw fil-*brochure ta*' Mizzi, anzi jidher li hija ppartecipat bis-shih fit-thejjija tieghu, tat il-kontributt taghha anke fil-formazzjoni tieghu u l-kliem li intuza. Jidher pero` li l-attrici kellha biss ripensament meta gara li hi ma gietx impjegata mill-konvenuta Mizzi.

Ix-xhud Jean Paul Grech, ta' J.P.Advertizing, li ha hsieb il-*brochure*, xehed li jiftakar li dawn r-ritratti intuzaw f'fiera barra minn Malta fejn l-attrici kienet prezenti ma' Jean Vella[13]. Inoltre jghid li l-attrici kienet tkun prezenti wkoll meta kien ikollhom *meetings* fil-*board-room* tal-JP Advertising u anke fl-Apollo Club u l-attrici kienet taf li qed jintuzaw dawn ir-ritratti imma ma kienitx tilmenta dwar dan

---

[12] Copinger and Skone James on Copyright, 14th Ed. 5-15 to 5-17.

[13] Fol 60.

il-fatt[14]. Jghid wkoll li hu ma kellux ghalfejn jiccekkja jekk l-attrici kienitx tat il-kunsens li jintuzaw ir-ritratti taghha billi hi kienet tkun prezenti ghall-*meetings* u kienet taf x'qed isir minghajr ma oggezzjonat.[15]

Ghalhekk dawn l-aggravji qed jigu milqugha.

In vista' tal-akkoljiment ta' dawn l-aggravji tal-konvenuta, u tas-socjeta` konvenuta, mhux il-kaz li jigu kkunsidrati l-aggravji l-ohra.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, tiddeciedi billi tichad l-appell tal-attrici, tilqa' l-appell tal-konvenuta (hlief ghall-ewwel aggravju) u l-appell incidentali tas-socjeta` konvenuta, konsegwentement tirrevoka s-sentenza appellata u tichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez kollha kontra taghha.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[14] Fol 61.
[15] Fol 94.